**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Jannar 2021**

**Talba Nru: 162/20 CZ**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Kevin Grech**
**vs.**

**Ray Aquilina Installations Company Limited (C-25775)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Lulju 2020 fejn talbet lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma komplessiva ta' mitejn erbgha u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€294.15) li tirraprezenta d-danni kollha sofferti minn Kevin Grech, assikurat mas-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici Elmo Insurance Limited bhala indennizz a favur l-assikurat taghha (vide Dok. A u Dok. B) u dan in segwitu ghal incident illi sehh fit-28 ta' Marzu 2017, gewwa z-Zejtun (vide Dok. C), meta waqt li l-assikurat tas-socjeta' attrici Kevin Grech kellu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EGM 911 ipparkjata fl-imsemmija triq, l-istess vettura garrbet diversi hsarat bhala konsegwenza ta' xoghlijiet li kienu

qed jigu esegwiti mis-socjeta` konvenuta, tramite impjegati taghha, fuq inkarigu tal-istess socjeta`.

Isegwi ghalhekk illi s-socjeta` konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u ghad-danni konsegwenzjali subiti mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali notifikata lis-socjeta` konvenuta fl-20 ta` Lulju 2018, u bl-imghax legali b'effett mill-20 ta` Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-15 ta` Settembru 2020 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-intimati m'ghandhom l-ebda gharfien jew informazzjoni dwar l-incident in kwestjoni, fejn qatt ma gew mitkellma minn hadd, la minn Kevin Grech u/jew minn xi awtorita` (Pulizija). L-unika informazzjoni li waslet lilhom hija ittra ufficcjali li ghaliha rrispondew billi talbu ghal informazzjoni.
2. Illi l-esponenti jichdu li huma kkawzaw hsarat fil-vettura ta` Kevin Grech u ghaldaqstant qeghdin jirrifjutaw kwalsiasi responsabilita`.
3. Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

   Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra l-affidavit ta' Earvin John Grech Meli[1], sema' x-xiehda ta' WPC 388 Graziella Formosa u PS 639 Jean Mark Mangion, Kenneth Aquilina u l-kontro-ezami ta' Earvin John Grech Meli.

Sema' t-tratazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-fatti kif jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:

Illi l-assikurat tas-socjeta' attrici, Kevin Grech, ghandu karozza registrata fuq ismu li dakinhar tat-28 ta' Gunju 2017 kienet qed tintuza minn ibnu Earvin John Grech Meli, li kien ipparkja l-istess vettura gewwa z-zona industrijali ta' Bulebel, iz-Zejtun, fi spazju maghmul ghall-parkegg ta' karozza. Hdejn il-karozza msemmija, kien hemm imqieghed container maghluq, ukoll go spazju maghmul ghall-ipparkeggjar.

Illi sussegwentement, ghall-habta ta' nofsinhar, xi haddiema marru jghidu lis-Sur Grech Meli li kien jehtieg li jcaqlaq il-karozza ghaliex kien qed isir xi xoghol. Fil-frattemp, kollega tieghu infurmah li kienu laqtulu l-karozza, u malli hareg jaraha, is-Sur Grech Meli seta' jikkonferma li fil-fatt il-karozza kellha daqqa fuq il-bonnet. Is-

[1] Fol. 20

Sur Grech Meli xehed illi dak il-hin gie kellmu dak li kien inkarigat mill-haddiema tas-socjeta' konvenuta, li kienu qed jaghmlu xi xoghol f'dak il-lant, u dak li qalulu li kien il-principal taghhom ikkonfermalu bit-telefon li kien ha jhallsu tal-ispejjez.

Illi fil-frattemp, Grech Meli baqa' ma thallasx. Ir-rapport tal-Pulizija esebit fl-atti jikkonferma dak li qal ix-xhud Grech Meli fl-affidavit tieghu.

Illi s-socjeta' konvenuta laqghet ghat-talbiet tas-socjeta' attrici billi qalet li hija ma kellhiex taghrif dwar l-incident, u fit-tieni lok, cahdet li ghamlet xi hsara fil-vettura in kwestjoni.

Illi t-Tribunal jinnota illi fl-affidavit ma ftakar l-ebda isem hlief dak tas-superjur tieghu dak iz-zmien, persuna li izda ma kellhiex x'taqsam fl-incident, ghajr ghall-fatt li mar jara l-karozza dakinhar tal-incident. Ma semmiex izda min kienet il-persuna, mill-kumpanija konvenuta, li kellmitu; ghalkemm fl-istqarrija li ta lill-Pulizija jindika li dan kien Kenneth Aquilina.

Illi t-Tribunal jifhem li dam mhux incident ta' xi kollizjoni fejn wiehed jista' facilment jindika liema kienu l-vetturi involuti, biex jasal ghar-responsabbilta'. Hawnhekk hawn kaz ta' vettura li giet milquta b'xi haga iebsa u tghattnilha l-bonnet. Jirrizulta lit-Tribunal li dakinhar tal-incident ma kien hemm ebda haddiema ohra jaghmlu x-xoghlijiet ghajr dawk tas-socjeta' konvenuta. Apparti dan, il-fatt li ma kienx hemm xiehda okulari tal-akkadut ma jfissirx illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tahti ghal din il-hsara. Fi kliem Grech Meli, is-socjeta' konvenuta, jew rapprezentant taghha, kien ammetta li kellu jhallas il-hsara hu; din il-pozizzjoni izda giet eventwalment mibdula min-naha tas-socjeta' konvenuta, biex b'hekk is-socjeta' konvenuta bdiet fl-ewwel lok tghid li m'ghandhiex taghrif u fit-tieni lok u fl-istess nifs tghid li ma ghandhiex tahti. Mill-mod kif is-socjeta' konvenuta baqghet tagixxi b'attitudni evaziva fis-sens li baqghet titlob l-informazzjoni dwar l-incident, bhal li kieku ma taf

b'xejn, jirrizulta lit-Tribunal li s-socjeta' konvenuta kienet qieghda biss tipprova tahrab ir-responsabbilta'. Ma setax ikun illi s-socjeta' konvenuta kellha haddiema taghha stess u supervisor fuq il-post u ma kienet taf b'xejn. Dan jaghmel ix-xiehda ta' Earvin John Grech Meli ferm aktar verosimili u kredibbli, u ezami tax-xiehda tieghu jipponta lejn ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita', u wara li giet moghtija iktar kredibilita' lix-xiehda ta' Grech Meli, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal jara li s-socjeta' konvenuta ghandha tinstab responsabbli ghall-hsara in kwestjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€294.15), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur